MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Ġunju, 2018

Rikors Maħluf Numru 220/2018 LM

**Bank of Valletta plc (C 2833)**

***vs.***

**Alfred u Jane miżżewġin Calamatta (K.I. Numri 321138M u 71251M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi Bank of Valletta plc (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), ippreżentat fis-7 ta' Marzu, 2018 u maħluf minn Johanna Bartolo għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi, li jgħid kif ġej:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 9 ta' Marzu, 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela (Dok. A), is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Alfred u Jane miżżewġin Calamatta;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Alfred u Jane miżżewġin Calamatta fis-somma ta' mija u tliet elef, tmien mija u sebgħa u għoxrin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€103,827.45) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' ta' Alfred u Jane miżżewġin Calamatta mill-Bank of Valletta plc (Dok. 'B1 sa B3') flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-31 ta' Jannar, 2018 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mil-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bħala 'Dok. A') partikolarment imma mhux esklussivament billi Alfred u Jane miżżewġin Calamatta*

   *(a) Naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Alfred u Jane miżżewġin Calamatta li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenuti Alfred u Jane miżżewġin Calamatta ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 7 ta' Settembru, 2011, li kopja tagħha qiegħda tiġi hawn esebita u mmarkata 'Dok. C' sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

   *Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

   1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bħala 'Dok. A'), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Alfred u Jane miżżewġin Calamatta (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi* (recte) *kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Alfred u Jane miżżewġin Calamatta li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

   2. *Tikkundanna lill-istess Alfred u Jane miżżewġin Calamatta iħallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tliet elef, tmien mija u sebgħa u għoxrin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€103,827.45) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' ta' Alfred u Jane miżżewġin Calamatta mal-Bank of Valletta plc (Dok. 'B1 sa B3') flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-31 ta' Jannar, 2018 sad-data tal-effettiv pagament.*

> *Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 7 ta' Settembru, 2011 (Dok. 'C') kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*
>
> *Di più, in vista tal-Ordni tal-Iffriżar, maħruġa kontra Alfred Calamatta, il-mittenti tinfurmak li l-pagamenti minnek mitluba jistgħu jiġu aċċettati mill-Bank biss wara li inti tottjeni d-debita awtorizzazzjoni mill-Qorti kompetenti.*

Rat illi r-Rikors Maħluf ġie debitament notifikat lill-konvenuti **Alfred u Jane miżżewġin Calamatta** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti") li naqsu milli jippreżentaw risposta maħlufa għalih u għalhekk baqgħu kontumaċi.

Semgħet ix-xhieda ppreżentata mis-soċjetà attriċi.

Eżaminat l-atti tal-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza u fejn il-konvenuti kontumaċi ngħataw il-fakultà li jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub a tenur tal-artikolu 158(10) tal-Kap. 12.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Ġunju, 2018 fejn ġiet ordnata s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat in-Nota ppreżentata mis-soċjetà attriċi fil-11 ta' Ġunju, 2018 fejn żammet ferm id-drittijiet tagħha fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż tal-kawża u rrinunzjat għat-talba tagħha għas-sorte stante ħlas fil-mori tad-differiment.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Din hija kawża istitwita mis-soċjetà attriċi għall-ħlas lura ta' bilanċ ta' flejjes mogħtija b'self lill-konvenuti għax-xiri ta' proprjetà immobbli fiż-Żurrieq, liema xiri sar permezz ta' kuntratt bid-data tad-9 ta' Marzu, 2004. Il-konvenuti ma komplewx iħallsu l-pagamenti mensili dovuti minnhom akkont tal-faċilità bankarja li kienu ngħataw. Lis-soċjetà attriċi rriżultalha li l-konvenuti kienu inadempjenti f'għadd ta' obbligi oħra fil-konfront tal-bank attur, u li kien hemm bidliet fiċ-ċirkostanzi materjali tal-konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi. Kien dan li wassal lis-soċjetà attriċi biex tistwixxi l-proċeduri odjerni sabiex din il-Qorti tiddikjara li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet ikkontemplati fil-kuntratt, sabiex tikkundanna lill-konvenuti jersqu għall-ħlas tal-kapital u tal-imgħaxijiet dovuti minnhom.

Quddiem it-talbiet tas-soċjetà attriċi, il-konvenuti għażlu li jibqgħu kontumaċi u ma ressqu l-ebda risposta maħlufa jew sottomissjonijiet finali. Fil-mori tad-differiment qabel ma kellha tingħata s-sentenza, il-konvenuti ħallsu s-sorte u s-soċjetà attriċi rrinunzjat għat-talba tagħha għas-sorte u żammet ferm id-drittijiet u l-pretensjonijiet tagħha fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż tal-kawża.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni talba tas-soċjetà attriċi, tordna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.**

Moqrija.